# TIFKIRA TA' LAQGHA TA' "BRAINS TRUST"

*Ta'* E. Agius

Lil gozz għorrief staqsejthom
Kif jista' l-ħsieb astratt
Mis-sens konkret jitnissel,
Li jien ma kont fhimt qatt.

Kif it-tvenvin ġo l-arja
Tal-korda ta' vjolin
Fuq it-tanbur tal-widna
Jolqot wara ftit ħin.

U fit-tmien nerv kranjali
Isir dak it-tibdil
Elettriku, jitkejjel,
Jiġri ma' dak il-fil,

Sakemm fil-moħħ dan jasal:
Hemm isir ħsieb astratt,
Bla daqs, bla ħoss, bla qawwa,
Ma jista' jqisu ħadd.

L-għorrief, għall-mistoqsija,
Ħabblu rashom mhux ftit;
Min qal li m'hemmx tweġiba,
Min qal: "Dana x'irid?

Nies bħalna, għorrief daqsna.
Dan il-lejla biex ġej?"
U l-egħref wieħed fosthom
Qalli: "Fuq dawn it-tnej',

Dak l'int konkret issejjaħ,
Dak li ssejjaħ astratt,
Dawk huma xorta waħda,
Dal-lum jafu kulħadd."

Jien għedt bejni u bejn ruħi,
(Naħlef, mhux bi tmaqdir):
"Jew jiena daqshom għaref,
Jew huma daqsi ħmir".

14.4.46.